MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 22/2003

Joseph Portelli, u
Rita mart Joseph Portelli .

vs

Pasqualino Cefai .

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenut jgħid għaliex m’għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex iħallas lill-atturi dik is-somma ta' flus li tiġi likwidata in linea ta' danni sofferti mill-atturi minħabba feriti personali li ġarrab l-attur, Joseph Portelli meta inti fil-ħamsa (5) ta' Ottubru, 2002, fit-triq Skappuccina, Zebbug, Għawdex, aggredixxa u sawwat lill-attur Joseph Portelli permezz ta' furkettun u dana inġustament u mingħajr ebda provokazzjoni minn naħa tal-attur b'tali mod u manjiera li l-attur Joseph Portelli kellu jiġi rikoverat għal perijodu ta' żmien fl-isptar Generali ta' Għawdex u llum

irriżulta li b'riżultat tas-swat li qala', huwa sofra debilita' permanenti f'idejh il-leminija, kif jirriżulta mill-annessi ċertifikati mediċi, hawn annessi u markati Dokumenti "A" u "B", liema danni jikkonsistu kemm fl-ispejjeż li huwa nefaq kaġun tal-feriti li sofra kif ukoll danni fi kwalita' ta' lukrum ċessanti minħabba l-feriti li sofra f'idejh il-leminija u dana wara li jiġi dikjarat li l-istess konvenut huwa unikament ħati għal inċident hawn fuq imsemmi u li għalhekk huwa responsabbli għal ħlas tad-danni li sofra l-attur, li kif diġa' ġie spjegat, jikkonsisti kemm fl-ispejjeż li huwa nefaq minħabba l-feriti li sofra u danni minħabba d-debilita' permanenti li huwa għandu liema danni, jekk hemm bżonn, jiġu likwidati b'nomina ta' perit mediku għal l-istess fini .

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali skond il-liġi u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa imħarrek.  Bl-ispejjeż ukoll tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Settembru 2003 .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi preliminarjament il-konvenut jeċċepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante li din il-kawża si tratta minn likwidazzjoni ta' danni allegatament sofferti mill-attur per konsegwenza ta' debilita' permanenti u għalhekk kellha tiġi preżentata quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni superjuri ;

2. illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-inċident tal-5 ta' Ottubru, 2002 fi Triq Skappuccina, Zebbug, Għawdex kien provokat mill-attur illi ħebb għall-konvenut b'senter, li minn naħa tiegħu ma kellu l-ebda triq oħra għajr li jiddefendi ruħu .

3. illi mingħajr preġgudizzju għħas-suespost, l-allegazzjoni ta' l-attur li sofra xi debilita' permanenti hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt u qed issir biss biex jipprova jieħhu xi ħaġa mingħand il-konvenut .

4. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat is-sentenza tagħha tat-30 ta' Jannar 2004 dwar l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' kompetenza.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Marzu 2007 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Charles Grixti bħala espert mediku sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni ta' saħħa ta' l-attur.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert ippreżentata fl-14 ta' Settembru 2007.
Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Mejju 2009 fejn, fuq talba ta' l-atturi, nnominat lill-ispeċjalisti Mr. Carmel Sciberras, Dr. Robert Sciberras u Mr. Joseph Briffa bħala periti addizzjonali.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess esperti mediċi ppreżentata fit-30 ta' April 2010 u minnhom debitament maħlufa.

Rat il-kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut, li ġew ippreżentati fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2011, wara li l-konvenut naqas li jidher għal dik l-udjenza, u reġa' naqas li jattendi għall-udjenza sussegwenti tat-28 ta' Jannar 2011.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni fejn l-atturi qed jitolbu li jiġu kumpensati għad-debilita' li sofra l-attur b'konsegwenza ta' aggressjoni li dan ġarrab mill-konvenut f'inċident li seħħ fil-5 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002).

Dwar dan l-inċident xehed b'mod estensiv l-attur.[1] L-esperti mediċi li eżaminaw lill-istess attur ikkonkludew illi kawża ta' dan l-inċident l-attur sofra debitilta' permanenti komplessiva ta' sitta fil-mija (6%).[2]

[1] Ara affidavit tieghu a fol. 53 - 54 tal-process .
[2] ara rapport taghhom a ol. 218 - 222 ,

Mill-kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut li wara li nfetħu, nqraw u ġew dikjarati ammessi skond il-liġi fl-udjenza sussegwenti li tħalliet għal dak il-għan, jirriżulta li l-konvenut ammetta li:

1. huwa responsabbli għad-danni sofferti fuq il-persuna ta' l-attur per konsegwenza ta' inċident li seħħ nhar il-ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002), meta huwa aggredixxa u sawwat lill-attur, inkluż b'furkettun għal xejn b'xejn;

2. per konsegwenza ta' din ix-xebgħa l-attur sofra ġrieħi permanenti fi grad ta' sitta fil-mija (6%), kif iċċertifikat mill-periti perizjuri;

3. huwa għandu jiġi dikjarat responsabbli għal dawn il-ġrieħi li per konsegwenza tagħhom l-attur sofra danni inġenti u lukri ċessanti;

4. għandu jħallas id-danni kollha subiti mill-attur konsistenti fis-segwenti: danni inġenti: EUR698.81 u lucri ċessanti: Eur 9409.96 (skond kif spjegat fin-nota preżentata mill-attur fit-12 ta' Jannar 2011); u

5. għandu jkun ikkundannat iħallas dawn id-danni kollha, kif ukoll l-ispejjeż ta' din il-kawża.

In vista għalhekk ta' din l-ammissjoni, il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u:

tiddikjara lill-konvenut Pasqualino Cefai unikament responsabbli għad-danni kkaġunati lill-attur b'konsegwenza ta' l-inċident deskritt fl-Avviż li seħħ fil-5 ta' Ottubru 2002, tillikwida d-danni kkaġunati lill-attur b'konsegwenza ta' dan l-inċident fis-somma komplessiva ta' għaxart elef mija u tmien euro u sebgħa u sebgħhin ċenteżmu (EUR10,108.77), u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi din l-istess somma.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tas-sentenza preliminari tagħha tal-25 ta' Gunju 2004 u ta' l-ittra uffiċċjali tad-29 ta' Settembru 2003, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------